L-Iskola Sekondarja ta' San Franġisk

L-Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2015- 2016

Malti- Il-Lingwa – It-Tielet Sena

ISEM:

KLASSI:

INDEX: ĦIN: Sagħtejn

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

- Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.
- Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajba jgħinuk biex tikseb riżultat aħjar.
- Se tingħata ħafna importanza għall-ortografija. Ortografija ħażina se ttelliflek ħafna marki.

**Għall-Użu tal-għalliema**

**Skema għall-marki**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 25 | 20 | 10 | 25 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudenta | | | | | | |

St Francis Secondary

L-EWWEL TAQSIMA

**A . Il-Komponiment** (25 marka)

Ikteb madwar 300 kelma fuq wieħed minn dawn is-suġġetti :

1. Vjaġġ fuq il-vapur t'Għawdex

2. It-Tajjeb u l-Ħażin tat-turiżmu f'pajjiżna

3. Il-Barrakka ta' fuq

4. Li kieku kelli nirbaħ somma flus

IT-TIENI TAQSIMA

**B. Taħriġ il-Fehem** (20 marka)

Aqra sew din is-silta, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

**L-Ewwel Gwerra Dinjija**

L-Ewwel darba fl-istorja tal-bniedem li kien hemm gwerra mifruxa b'mod aħrax fl-istess żmien u f'bosta bnadi tad-dinja kienet dik magħrufa bħala l-Gwerra dinjija. (L-ewwel paragrafu)

Fis-sekli 19 u f'ħafna mis-seklu 20 il-qawwiet Ewropej kienu dawk li kkmandaw id-dinja. Wieħed ma jridx jinsa wkoll li kien hemm żewġ qawwiet oħra setgħana f' kontinenti oħra: L-Istati Uniti tal-Amerka u l-



St Francis Secondary

Ġappun. Biex pajjiż jimxi 'l quddiem kellu jibni l-industriji, ikabbar il-produzzjoni, itejjeb il-komunikazzjoni u l-kummerċ, kif ukoll jiżgura ruħu li jkollu aċċess għal dak kollu li kellu bżonn jiżviluppa. Ħafna drabi diversi stati ħassew il-bżonn li jiksbu kolonji f'diversi bnadi tad-dinja, speċjalment fl-Afrika u fl-Asja. ( It-tieni paragrafu)

Dan kollu wassal għal bosta piki bejn stat u ieħor. L-akbar imperu kien dak Brittaniku. Franza ma baqgħetx lura. Il-Portugall u l-Olanda kellhom ukoll il-kolonji tagħhom, kif ukoll il-Belġju u Spanja. Ir-Russja , għalkemm uffiċċjalment ma kellhiex kolonji, kellha l-akbar firxa ta' art. Il-Ġappun kien l-aktar b'saħħtu fl-Asja. L-Imperu Ottoman kien dgħajjef, iżda kien għadu jaħkem fuq bosta pajjiżi Għarab. Għalkemm l-Italja u l-Ġermanja kienu saru stati tard meta mqabbla mal-oħrajn, kellhom ukoll xi kolonji. In-nazzjonaliżmu kien ta' theddida għall-Awstrija-Ungerija u kien minn hemm li kellha tixgħel il-fjamma qerrieda tal-gwerra ( It-tielet paragrafu)

Din il-gwerra damet ftit aktar minn erba' snin. Mietu miljuni ta' nies fuq iż-żewġ naħat. Bdew jintużaw mezzi ġodda ta' qerda: l-ajruplani, is-sottomarini u t-tankijiet tal-gwerra. Meta wara saret il-paċi, kienu qalu li din kellha tkun gwerra li biha jintemmu l-gwerer kollha. Iżda f'din il-paċi mimlija difetti nżergħet iż-żerriegħa li kellha twassal għal gwerra ħafna ikbar u qerrieda, It-Tieni Gwerra dinjija, li faqqgħet fl-1939. (Ir-rabà paragrafu)

*(Silta meħuda mis-Sagħtar,Mejju 2014, Albert G. Storace)*

St Francis Secondary

Wieġeb il-mistoqsijiet kollha FI KLIEMEK.

1. Għaliex tissejjaħ l-Ewwel Gwerra dinjija ? (2 marki)

2. F'Liema żminijiet ikkmandaw l-Ewropej? (2 marki)

3. X'kellu jagħmel pajjiż biex jimxi 'l quddiem? ( 5 marki)

St Francis Secondary

4. X'wassal għall-piki bejn stat u ieħor ? (3 marki)

5. Liema pajjiżi saru stati aktar tard ? (2 marki)

6. X'kien li xegħel il-fjamma qerrieda għall-gwerra ? (2 marki)

7. Kemm damet għaddejja l-Ewwel Gwerra Dinjija? (marka)

8. X'beda jintuża biex il-pajjiżi jeqirdu 'l xulxin ? (3 marki)

St Francis Secondary

## IT-TIELET TAQSIMA

**Ċ- Għarfien il-Lingwa** (10 marki)

Agħti kelma oħra mis-silta li tfisser :

- Diversi (par 1)- ________________________________
- Mexxew (par 2)- ________________________________
- Ħtieġa (par 2)- ________________________________

Fisser dan il-Kliem:

- Firxa ta' art (par 3)- ________________________________
- Jintemmu (par 4)- ________________________________

## IR-RABÀ TAQSIMA

Wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin mis-silta:

### Mozart Tifel Ġenju

Mozart, kompożitur maħbub u famuż mad-dinja kollha, beda l-karriera bħala tifel ċkejken b'talenti mużikali eċċezzjonali. (l-ewwel paragrafu)

Leopold Mozart, missieru, kien vjolinista famuż ħafna u mill-ewwel induna li ibnu kien miġbud sewwa lejn il-mużika.It-Tifel, meta kellu ftit

St Francis Secondary

aktar minn tliet snin, kien imur minn jeddu itektek fuq il-klaviċembalu li kien hemm fid-dar. Beda jdoqq qisu wieħed li kien ilu xi snin jistudja l-istrumenti. Leopold dejjem qies li d-daqq huwa rigal divin ġej minn Alla. Mis-sebat itfal li kellu tnejn biss għexulu: Maria Anna u Wolfgang Amadeus. (it-tieni paragrafu)

Missier it-tfal kellu responsabilità kbira; ħass li kellu jedukahom tajjeb. Għallimhom it-Taljan u l-Franċiż, apparti l-Ġermaniż. F' uliedu ra anke mezzi ta' kif jistgħu jaqilgħu l-flus permezz ta' kunċerti li jagħtu, biex ikunu jistgħu jgħixu komdi u mingħajr problemi finanzjarji. (it-tielet paragrafu)

*(Silta meħuda mis- Sagħtar - April 2015 , Albert Storace)*

**D: Il-Grammatika** :                                    (25 marka)

1. Sib żewġ **Nomi Parteċipjali – Tal-Pazjent** mis-silta (4 marki)

_________________________  _________________________

2. Sib tliet **Nomi fil-Plural Sħiħ** mis-silta (3 marki )

____________________  ____________________  ____________________

3. Sib **Nom Verbali** mis-silta (2 marki)

_________________________

St Francis Secondary

4. Oħroġ **Nom tal-Aġent** minn 'għallimhom' (par 3) (2 marki)

___________________________

5. Oħroġ **Nom Kwalifikattiv** minn 'komdi' (par 3) (2 marki)

___________________________

6. Agħti l-**Mamma**, l-**Għerq** u Għid **x'Tip ta' Verb** hu : (9 marki)

Jeddu (par 1) __________________ __________________ __________________

beda (par 2 ) __________________ __________________ __________________

itektek (par 3) __________________ __________________ __________________

7. Sib Nom ta' **Nisel Rumanz** (marka) ________________________

8. Sib Verb Dgħajjef moħfi (2 marki) ________________________

IR-RABA' TAQSIMA

<u>**E. Ir-Rapport**</u> ( 20 marka)

F'attività ġbir ta' fondi seħħ aċċident ikrah. F'madwar 100 kelma, ikteb Rapport dwar dan l-aċċident.

St Francis Secondary